

Rapport Annwali 2024

tal-QEA — Glossarju

Terminu	Spjegazzjoni
ABAC	Is-sistema elettronika tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet baġitarji u kontabilistiċi tagħha.
Abbozz ta' baġit emendatorju	Proposta li ssir mill-Kummissjoni biex il-baġit tal-UE jiġi mmodifikat matul l-implimentazzjoni.
Acquis	Il-korp tad-dritt kollu tal-UE, li jinkludi l-leġislazzjoni, id-deċiżjonijiet tal-qorti u atti legali oħra.
Addizzjonalità	Il-prinċipju li l-finanzjament mill-UE jrid jissupplimenta l-infiq nazzjonali minflok ma jissostitwih.
Aġenzija deċentralizzata	Korp indipendenti tal-UE stabbilit għal perjodu indefinit, bħala ċentru ta' kompetenza, biex iwettaq kompiti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika tal-UE.
Aġenzija eżekuttiva	Organizzazzjoni stabbilita mill-Kummissjoni u mmaniġġjata minnha, għal perjodu limitat, biex twettaq kompiti speċifikati li jkunu relatati ma' programmi jew proġetti tal-UE f'isimha u taħt ir-responsabbiltà tagħha.
Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)	Aġenzija eżekuttiva li timmaniġġja diversi proġetti u programmi tal-UE dwar il-klima, l-infrastruttura u l-ambjent.
Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)	Aġenzija eżekuttiva li timmaniġġja diversi proġetti u programmi tal-UE dwar is-saħħa u d-diġitalizzazzjoni.
Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)	Il-korp tal-UE inkarigat mit-tmexxija tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-organizzazzjoni prinċipali tal-UE għall-finanzjament tar-riċerka.

Terminu	Spjegazzjoni
Aġenzija tal-pagamenti (AP)	Korp maħtur minn Stat Membru biex jamministra l-infiq agrikolu tal-UE.
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	Korp tal-UE li l-kompitu tiegħu huwa li jara li l-Istati Membri żgur japplikaw il-liġi tal-UE dwar l-ażil b'mod korrett.
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	Korp tal-UE li jappoġġa lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni tat-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità organizzata.
Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	Korp tal-UE li jiżviluppa, jimplimenta u jikkoordina t-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.
Akkwist pubbliku	Ix-xiri, minn korp pubbliku jew minn awtorità oħra ta' oġġetti, xogħlijiet jew servizzi.
Annwalità	Prinċipju baġitarju skont liema l-baġit irid jinġabar u jintefaq matul is-sena finanzjarja li l-baġit ikun relatat magħha.
Apikultura	Ix-xjenza u l-prattika tat-trobbija tan-naħal.
Applikazzjoni ta' għajjnuna ġeospazjali (GSAA)	Għodda online li permezz tagħha jiġu ppreżentati t-talbiet għall-għajjnuna agrikola, ibbażati fuq l-erja.
Appoġġ akkoppjat (għall-introjt)	Pagament dirett annwali għal kull annimal jew ettaru ta' art eliġibbli, li jsir lill-bdiewa f'setturi speċifiċi biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet ikkawżati mill-isforzi biex jiżdiedu l-kompetittività, is-sostenibbiltà jew il-kwalità.
Appoġġ baġitarju	Trasferiment dirett ta' għajjnuna mill-UE lit-Teżor nazzjonali ta' pajjiż sieħeb, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.
Appoġġ bażiku għall-introjt għas-sostenibbiltà (BISS)	Pagament dirett annwali li jsir lill-bdiewa għal kull ettaru ta' art eliġibbli ddikjarat, mhux marbut mal-produzzjoni. Issostitwixxa l-iskema ta' pagament bażiku fl-2023.

Terminu	Spjegazzjoni
Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)	Skema ta' self tal-UE li tappoġġa l-miżuri għaż-żamma tal-impjegi sabiex jonqos il-qgħad u t-telf tal-introjtu li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19.
Appoġġ diżakkoppjat (għall-introjtu)	Pagamenti li jsiru mill-UE lill-bdiewa, u li ma jkunux marbutin mal-produzzjoni ta' prodott speċifiku.
Appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi	Mekkaniżmu, magħruf ukoll bħala "finanzjament kaskata", li permezz tiegħu l-benefiċjarji primarji ta' għotjiet taħt Orizzont 2020 jistgħu jkomplu jgħassmu l-finanzjament lil organizzazzjonijiet u impriżi oħra.
Appoġġ mhux ripagabbli	Finanzjament li ma għandux għalfejn jitħallas lura.
Appoġġ ridistributtiv komplementari għall-introjtu għas-sostenibbiltà (CRISS)	Pagament dirett addizzjonali magħmul għall-ewwel ftit ettari ta' art eliġibbli ddikjarati mill-bdiewa li huma intitolati għal appoġġ bażiku għall-introjtu għas-sostenibbiltà, bl-għan li l-appoġġ għall-introjtu jerġa' jiġi distribwit minn azjendi agrikoli akbar għal azjendi agrikoli iżgħar jew ta' daqs medju.
Approċċ nozzjonali	Approċċ użat mill-Kummissjoni għal proġetti b'bosta donaturi, fejn il-kontribuzzjoni mill-UE tinġabar flimkien ma' flus mingħand donaturi oħra u ma tiġix assenjata għal elementi speċifiċi ta' nefqa. Ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-kostijiet tal-UE jitqiesu li ġew issodisfati sakemm il-kontribuzzjonijiet mingħand id-donaturi l-oħra kollha jkunu biżżejjed biex ikopru n-nefqa kollha meqjusa ineliġibbli skont ir-regoli tal-UE.
Approprjazzjoni	Ammont imwarrab f'baġit għal skop speċifiku. Il-baġit tal-UE jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament.

Terminu	Spjegazzjoni
Approprjazzjoni ta' impenn	Limitu massimu annwali fuq l-ammonti disponibbli fil-baġit tal-UE għal partiti speċifiċi tan-nefqa.
Approprjazzjoni ta' pagament	Ammont disponibbli biex isir pagament ladarba l-kundizzjonijiet korrispondenti jkunu ġew irrispettati.
Approvazzjoni (ta' prefinanzjamenti)	Proċess li permezz tiegħu l-Kummissjoni taċċetta n-nefqa prefinanzjata u tistabbilixxi kemm għad fadal finanzjament li jrid jitħallas lill-benefiċjarju.
Approvazzjoni tal-konformità	Proċess li permezz tiegħu l-Kummissjoni tawditja jekk Stat Membru jkunx inqeda korrettament bil-fondi li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu, u jekk ikunx opera s-sistemi tiegħu ta' ġestjoni u kontroll b'mod effettiv.
Approvazzjoni tal-kontijiet	Proċess annwali li permezz tiegħu l-Kummissjoni taċċetta l-ammonti li l-korpi u s-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni jkunu talbu għal pagament, wara li tkun wettqet il-verifiki.
Art bil-ħaxix permanenti	Art agrikola li fuqha l-ħaxix jew għelejjel oħra ta' foraġġ erbaċew jitkabbru għal aktar minn 5 snin konsekuttivi.
Assi prijoritarju	Objettiv ewlieni ta' programm operazzjonali, maqsum fi prijorità waħda jew aktar ta' investiment.
Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE)	Estensjoni għall- Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) li tipprovdi appoġġ u flessibbiltà addizzjonali fil-finanzjament tal- politika ta' koeżjoni .

Terminu	Spjegazzjoni
Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS)	Sħubija ta' assistenza teknika bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, li tagħti parir indipendenti lil pajjiżi beneficijarji dwar it-tnejn ta' proġetti biex jitqiesu għal kofinanzjament mill-UE.
Assistenza makrofinanzjarja (AMF)	Forma ta' għajjnuna finanzjarja li l-UE tagħti lil pajjiżi sħab li qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti jew diffikultajiet baġitarji.
Assistenza teknika	Appoġġ finanzjarju biex jgħin lill-partijiet ikkonċernati jimplimentaw programmi u proġetti ffinanzjati mill-UE.
Assorbiment	Riċevuta ta' finanzjament tal-UE minn Stat Membru, ladarba jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-pagament.
Attestazzjoni	L-approċċ użat meta jiġi pprovdut aċċertament tal-awditjar dwar informazzjoni finanzjarja, <i>data</i> oħra jew dikjarazzjonijiet speċifiċi mħejjija mill-entità awditjata.
Awditu tal-konformità	Awditu biex jiddetermina, permezz tal-ġbir ta' evidenza, jekk attività tkunx taderixxi mar-regoli u r-regolamenti applikabbli u mat-termini ta' kwalunkwe kuntratt jew ftehim.
Awditu uniku	Mudell ta' kontroll ibbażat fuq l-idea li, għal raġunijiet ta' effiċjenza, kull livell ta' kontroll jenħtieġ li jibni fuq ix-xogħol imwettaq mil-livell preċedenti, dment li x-xogħol ikun affidabbli u preċiż.
Awtorità baġitarja	Terminu użat biex jirreferi għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meta dawn ikunu qed jeżerċitaw is-setgħat deċiżjonali tagħhom fuq kwistjonijiet baġitarji tal-UE.

Terminu	Spjegazzjoni
Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	Aġenzija tal-UE inkarigata bl-iżvilupp ta' regoli armonizzati għall-istituzzjonijiet finanzjarji, il-promozzjoni tal-konverġenza tal-prattiki supervizzorji, u l-monitoraġġ u l-għoti ta' pariri dwar l-innovazzjoni finanzjarja u t-tranżizzjoni lejn finanzjament sostenibbli.
Awtorità Doganali tal-UE	Aġenzija deċentralizzata proposta li r-responsabbiltajiet tagħha se jinkludu l-koordinazzjoni, fil-livell tal-UE, tal-valutazzjoni tar-riskju tal-oġġetti li jidhru fis-suq uniku.
Awtorità manġerjali (AM)	L-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali (pubblika jew privata) deżinjata minn Stat Membru biex timmaniġġja programm ifffinanzjat mill-UE.
Awtorità ta' ċertifikazzjoni (AĊ)	Korp deżinjat minn Stat Membru biex jiċċertifika l-preċiżjoni u l-konformità tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa u t-talbiet għall-pagament.
Awtorità tal-awditjar (AA)	Entità nazzjonali indipendenti responsabbli għall-awditjar tas-sistemi u l-operazzjonijiet ta' programm ta' nfiq tal-UE.
Awtoritajiet inkarigati mill-programmi	Terminu kollettiv użat għall-awtoritajiet manġerjali, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni u l-awtoritajiet tal-awditjar fil-każ tal-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni.
Ażil	Protezzjoni li tingħata minn Stat lil persuni minn pajjiż ieħor li jkunu qed jaħarbu minn persekuzzjoni jew periklu serju.
Azzjoni esterna	Attività tal-UE li tikkonsisti fl-għoti ta' assistenza lil pajjiżi mhux tal-UE u fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet magħhom, inkluż permezz ta' ftehimiet multilaterali, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali jew globali.

Terminu	Spjegazzjoni
Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE)	Mekkaniżmu biex il-finanzjament jiġi riallokati malajr f'ħalli l-Istati Membri u r-reġjuni jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ ta' emerġenza lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna.
Azzjoni tal-Unjoni	Fil-kuntest tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, dan huwa proġett li jinvolve bosta Stati Membri jew proġett li huwa ta' interess partikolari għall-UE.
Bank jew istituzzjoni promozzjonali nazzjonali	Istituzzjoni finanzjarja stabbilita mill-gvern biex tipprovdi finanzjament għall-iżvilupp ekonomiku.
Bażi ta' <i>data</i> Arachne	Għodda għall-estrazzjoni ta' <i>data</i> żviluppata mill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-awtoritajiet manigierjali fl-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni.
Bażi tal-VAT/bażi ta' valutazzjoni tal-VAT	Il-valur totali tal-oġġetti u s-servizzi li għalihom tiġi applikata l-VAT.
Bejgħ sekondarju	Bejgħ ta' ishja minn azzjonist lil investitur ġdid mingħajr bidla fis-sjeda kumplessiva tal-kumpanija.
Benefiċjarju	Persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi għotja jew selfa mill-baġit tal-UE biex timplimenta proġett jew programm.
Ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni (NCC)	Korp li jikkoordina l-attivitajiet fost l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri tal-Istati Membri u jservi bħala hub għalihom biex jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin u mal-Frontex.
Ċertifikat dwar ir-rapporti finanzjarji (CFS)	Dokument li jiċċertifika l-eliġibbiltà tal-kostijiet mitluba mill-benefiċjarji fit-talbiet għall-pagament tagħhom.
Ċiklu ta' verifikazzjoni tal-ING	Verifikazzjoni tas-sorsi u l-metodi statistiċi li jintużaw għall-kalkolu tal-ING matul perjodu partikolari.

Terminu	Spjegazzjoni
Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV)	Programm li jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet u l-valuri ta' individwi u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni demokratika, notevolment permezz ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet nongovernattivi.
Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea	Deċiżjoni li tistabbilixxi sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej tagħha sabiex tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u tippromwovi l-valuri u l-istandards tal-UE.
Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill	Dokument li permezz tiegħu, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill japprova l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Stat Membru.
Deflatur	Għodda statistika użata għall-aġġustament ta' prezzijiet storiċi biex jittieħed kont ta' inflazzjoni sussegwenti ħalli l-prezzijiet ikunu jistgħu jitqabblu matul iż-żmien.
Dħul assenjat	Fondi mħallsa fil-baġit tal-UE minn sorsi elenkati fl-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, u li jistgħu jintużaw biss għal skop iddefinit.
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni	Dikjarazzjoni minn direttur ġenerali tal-Kummissjoni, fir-rapport annwali tal-attività tiegħu, dwar il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-kontijiet, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati, il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll intern, u l-aderenza mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba.
Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (DAS)	Dikjarazzjoni ppubblikata fir-rapport annwali tal-QEA, li tistabbilixxi l-opinjoni tal-awditjar tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE u dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

Terminu	Spjegazzjoni
Dikjarazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm (PPS)	Anness tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni li fih ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-programmi ta' nfiq kollha tal-UE.
Dikjarazzjoni tal-programm	Ġustifikazzjoni għall-approprijazzjonijiet operazzjonali mitluba mill-Kummissjoni għal kull programm ta' nfiq fl-abbozz tal-baġit annwali, abbażi tal-implimentazzjoni fi snin preċedenti mkejla permezz ta' indikaturi.
Diżimpenn	Kanċellazzjoni mill-Kummissjoni tal-ammont kollu ta' impenn mhux użat, jew ta' parti minnu.
Dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD)	Dokument mhux vinkolanti tal-Kummissjoni li jiġi prodott biex jiġi diskuss, jew internament jew inkella barra mill-istituzzjoni.
Dritt għall-pagament	Dritt trasferibbli li, meta jiġi ddikjarat flimkien ma' art agrikola eliġibbli, jintitola lil bidwi attiv għall-appoġġ mill-UE.
Effett multiplikatur	Fejn bidla partikolari f'input partikolari, bħal investimenti jew garanziji tal-UE, tikkawża bidla akbar f'output, bħal investiment totali.
Effett ta' attrazzjoni	Effett ekonomiku li permezz tiegħu żieda fl-infiq pubbliku twassal għal żieda fl-investiment privat u fit-tkabbir.
Effett ta' evizzjoni	Effett ekonomiku li permezz tiegħu żieda fl-infiq pubbliku twassal għal tnaqqis fl-investiment privat.
Effettività	Kemm intlaħqu l-oġġettivi fil-mira permezz tal-attivitajiet imwettqa.
Effiċjenza	L-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati, l-attivitajiet imwettqa u l-ilħuq tal-oġġettivi.
eGrants	Pjattaforma online tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-għotjiet għar-riċerka tal-UE matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

Terminu	Spjegazzjoni
Ekoloġizzazzjoni	L-adozzjoni ta' prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. Terminu użat ukoll komunement biex jirreferi għall-iskema ta' appoġġ korrispondenti tal-UE.
Ekonomija	Ir-riżorsi jsiru disponibbli fi żmien debitu, fil-kwantità u l-kwalità xierqa, u bl-aħjar prezz.
Ekoskema	Skema ta' pagament dirett, introdotta fi proposti għall-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, biex tiffinanzja lill-bdiewa impenjati favur prattiki agrikoli li ma jagħmlux ħsara lill-klima u lill-ambjent.
Erasmus+	Programm tal-UE li jappoġġa l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport fl-Ewropa, prinċipalment billi jagħti lill-istudenti universitarji l-opportunità li jistudjaw u jiksbu esperjenza barra minn pajjiżhom.
EU-13	It-13-il Stat Membru li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea mill-2004 'l hawn (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja).
eu-LISA	Aġenzija tal-UE responsabbli għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi, fuq skala kbira, ta' informazzjoni dwar il-viża u l-ivvjaġġar fl-UE kollha.
Evalwazzjoni <i>ex post</i>	Valutazzjoni indipendenti tal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE, ta' proġett jew ta' programm li jkun tlesta.
Ewropa Kreattiva	Programm tal-UE biex jappoġġa s-settur kulturali u dak kreattiv.
Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)	Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u biex jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali.

Terminu	Spjegazzjoni
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)	Strument tal-UE li jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura interkonnessa sostenibbli fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport, u tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.
Faċilità ta' Garanzija ta' Self għal Master fil-qafas ta' Erasmus+	Inizjattiva mmexxija mill-Fond Ewropew tal-Investment f'isem il-Kummissjoni Ewropea, li tiggarantixxi self għal studju postgradwatorju barra l-pajjiż, u b'hekk tagħmilha aktar faċli għall-istudenti biex jiksbu finanzjament.
Faċilità ta' tranżizzjoni	Strument li jara li żgur ikun hemm kontinwità tal-finanzjament minn skema waħda ta' finanzjament mill-UE għal dik li jmiss.
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	Fond tal-UE għall-finanzjament tal-kontribuzzjoni mill-UE għall-programmi tal-iżvilupp rurali.
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	Fond tal-UE għall-finanzjament ta' pagamenti diretti favur il-bdiewa u favur miżuri li jirregolaw jew jappoġġaw is-swieq agrikoli.
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)	Fond tal-UE li jipprovdi appoġġ lis-sajjeda fit-tranżizzjoni tagħhom għal sajd sostenibbli, u lill-komunitajiet kostali fid-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom.
Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)	Mekkaniżmu ta' appoġġ għall-investment li tnieda mill-BEI u mill-Kummissjoni, bħala parti mill-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, biex jimmobilizza l-investment privat fi proġetti ta' importanza strateġika għall-UE.

Terminu	Spjegazzjoni
Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)	Fond tal-UE, immaniġġjat mill-Kummissjoni barra mill-baġit ġenerali, li pprovda għajjnuna għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati mal-UE permezz tal-Istati Membri.
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)	Fond stabbilit biex jappoġġa lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet minħabba bidliet, li jkunu għal żmien twil, fix-xejriet tal-kummerċ dinji.
Fond Ewropew tal-Investiment (FEI)	Fornitur speċjalist ta' finanzjament ta' riskju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju madwar l-Ewropa. Parti mill-Grupp tal-BEI.
Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	Fond tal-UE li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti biex jonqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.
Fond Fiduċjarju Bêkou	Fond fiduċjarju tal-UE għall-appoġġ tal-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.
Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika	Fond fiduċjarju tal-UE biex jappoġġa l-istabbiltà fir-reġjun tas-Saħel (inkluż il-Baċin tal-Lag Chad), fil-Qarn tal-Afrika u fl-Afrika ta' Fuq u biex jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni billi jindirizza l-għeruq ta' dak li jikkawżaha.
Fond fiduċjarju tal-UE (EUTF)	Fond amministrat mill-UE li jiġbor flimkien il-flus minn bosta sorsi biex jiffinanzja r-rispons internazzjonali għal emerġenza jew għal kriżi li tkun tinsab għaddejja, ġeneralment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)	Fond tal-UE li jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jipprovdu ikel u assistenza materjali oħra lill-ifqar nies fis-soċjetà.

Terminu	Spjegazzjoni
Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)	Fond tal-UE li jappoġġa l-komunitajiet u r-reġjuni l-aktar affettwati finanzjarjament mit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.
Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	Fond tal-UE li jappoġġa l-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil u l-migrazzjoni fost l-Istati Membri, inklużi miżuri biex tittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni.
Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF)	Fond tal-UE li jipprovdi appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri u tagħmir għall-kontroll doganali.
Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)	Fond tal-UE li jappoġġa l-kooperazzjoni u l-azzjoni tal-pulizija biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità.
Fond Soċjali Ewropew (FSE)	Fond tal-UE għall-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi u ta' impjieg kif ukoll għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni li jinsabu f'riskju ta' faqar. Sostitwit mill-Fond Soċjali Ewropew Plus.
Fond ta' Koeżjoni (FK)	Fond tal-UE għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-UE billi jiġu ffinanzjati investimenti fl-Istati Membri, kemm fl-ambjent kif ukoll fit-trasport, fejn l-introjt nazzjonali gross għal kull abitant ikun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE.
Fond ta' proviżjonament komuni (CPF)	Fond li jkopri obligazzjonijiet potenzjali li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja.
Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea	Strument li jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi ta' adeżjoni fir-rispons għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika.

Terminu	Spjegazzjoni
Fondi strutturali u ta' investiment Ewropej (FSIE/Fondi SIE)	Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien pprovdew appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha matul il-perjodu 2014–2020: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.
Frodi	Użu intenzjonat u illegali ta' qerq biex jinkiseb vantaġġ materjali billi parti oħra tiġi mċaħħda minn proprjetà jew flus.
Frontex	L-aġenzija tal-UE għall-gwardja tal-fruntiera u tal-kosta.
Fruntiera esterna	Fruntiera, li tinkludi ajruporti u portijiet tal-baħar, tal-lagi jew tax-xmajjar, bejn Stat Membru tal-UE u pajjiż mhux tal-UE.
Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA)	Ftehim li jirregola l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u n-NU rigward l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.
Ftehim ta' Cotonou	Trattat bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, li jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali, il-paċi u s-sigurtà, u ambjent politiku stabbli u demokratiku.
Ftehim ta' delega	Ftehim bejn il-Kummissjoni u individwu jew entità għall-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE taħt ġestjoni indiretta.
Ftehim ta' kontribuzzjoni	Ftehim bejn il-Kummissjoni u organizzazzjoni internazzjonali oħra għall-implimentazzjoni ta' fondi taħt ġestjoni indiretta.
Ftehim ta' sħubija	Ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru jew pajjiż mhux tal-UE wieħed jew aktar fil-kuntest ta' programm ta' nfiq tal-UE, fejn jiġu stabbiliti pereżempju, il-pjanijiet strateġiċi, il-prijoritajiet ta' investiment jew inkella t-termini ta' kummerċ jew il-provvediment ta' għajjnuna għall-iżvilupp.

Terminu	Spjegazzjoni
Funzjoni sensittiva	Impjieg jew pożizzjoni li jinvolvu ammont konsiderevoli ta' awtonomija jew setgħa eżekuttiva li jistgħu jintużaw f'ħażin għal gwadann finanzjarju personali jew għal gwadann ieħor.
Ġemellaġġ	Mekkaniżmu għall-bini tal-kapaċitajiet f'oqsma speċjalizzati, fejn korp f'pajjiż imsieħeb jirċievi appoġġ minn kontroparti fi Stat Membru tal-UE.
Ġestjoni diretta	Ġestjoni ta' fond jew ta' programm tal-UE li titwettaq mill-Kummissjoni waħidha, b'kuntrast ma' ġestjoni kondiviża jew ġestjoni indiretta.
Ġestjoni finanzjarja tajba	Il-ġestjoni tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effettività.
Ġestjoni indiretta	Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tinkariga lil entitajiet oħra (bħal pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali) b'kompiti ta' implimentazzjoni.
Ġestjoni kondiviża	Metodu ta' kif il-baġit tal-UE jintefaq fejn, għall-kuntrarju ta' dak li jseħħ f'ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tiddelega lill-Istat Membru iżda tibqa' finalment responsabbli hi.
Galileo	Is-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE.
Garanzija baġitarja	Impenn li l-baġit tal-UE jintuża biex jikkumpensa għal kwalunkwe telf imġarrab jekk benefiċjarju jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu b'rabta ma' selfa jew investiment fl-ekwità.
Garanzija għaż-Żgħażaġħ	Skema tal-UE li taħtha żaġġhażgħ li jispiċċaw mingħajr impjieg jew li jtilqu mill-edukazzjoni formali jiġu offruti opportunitajiet ta' impjieg jew taħriġ vokazzjonali fi żmien 4 xhur.

Terminu	Spjegazzjoni
Grupp tal-BEI	Il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Fond Ewropew tal-Investment.
Għajnuna diretta/pagament dirett	Appoġġ, prinċipalment għajnuna relatata mal-erja, li jiġihallas direttament lill-bdiewa fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.
Għajnuna mill-Istat	Appoġġ, dirett jew indirett, li l-gvern jagħti għal negozju jew għal organizzazzjoni, u li jagħtihom vantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom.
Għajnuna mill-Istat <i>de minimis</i>	L-ammont ta' għajnuna mill-Istat li taħtu ma tkunx meħtieġa l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.
Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli	Is-17-il għan stabbiliti fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-lżvilupp Sostenibbli biex jistimulaw azzjoni mill-pajjiżi kollha f'oqsma ta' importanza kritika għall-umanità u l-pjaneta.
Għażla ta' kostijiet simplifikati (SCO)	Approċċ li jintuża biex jiġi ddeterminat ammont ta' għotja bl-użu ta' metodi bħal kostijiet unitarji standard, finanzjament b'rata fissa jew somom f'daqqa minflok il-kostijiet reali li jkunu ġġarrbu mill-benefiċjarju.
Għeluq	Saldu finanzjarju ta' programm jew fond tal-UE, permezz tal-pagament tal-bilanċ dovut lil Stat Membru jew pajjiż benefiċjarju ieħor, jew tal-irkupru ta' fondi mingħandhom.
Għotja	Appoġġ baġitarju mill-UE għall-kostijiet imġarrba minn benefiċjarju għal proġett jew programm eliġibbli, li normalment ma jiġihallasx lura.
Ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-programmi (PPO)	Anness tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni li jiġbor fil-qosor id-dikjarazzjonijiet kollha tal-programmi, inkluża għażla ta' indikaturi tal-programmi.

Terminu	Spjegazzjoni
Flas tal-kupun	Flas tal-imgħax kuntrattwalment dovut fuq bond jew strument ieħor ta' dejn.
Impatt	Il-konsegwenzi, għal żmien twil, ta' proġett jew ta' programm li jkun tlesta. Dawn il-konsegwenzi jistgħu jkunu soċjoekonomiċi, ambjentali jew finanzjarji.
Impenji pendenti	It-total ta' impenji li jkunu saru iżda li jkunu għadhom ma ġewx ikkonkretizzati f'pagamenti.
Impenn	Ammont assenjat fil-baġit biex jifinanzja partita speċifika tan-nefqa, bħal kuntratt jew ftehim ta' għotja. Impenn jirrikjedi approprjazzjoni ta' impenn sottostanti.
Impenn agroambjentali klimatiku	Kwalunkwe wieħed minn sett ta' prattiki fakultattivi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti ambjentali tas-soltu u li permezz tagħhom il-bdiewa jkunu intitolati għal pagament mill-baġit tal-UE.
Impriża konġunta (JU)	Korp tal-UE stabbilit ma' sħab pubbliċi u/jew privati għat-twerttiq ta' proġett jew attività fil-qasam tar-riċerka u t-teknoloġija.
Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni (KPI)	Miżura kwantifikabbli li turi l-prestazzjoni meta mqabbla mal-oġettivi ewlenin.
Indikatur ta' Rio	Indikatur, iddefinit mill-OECD, ta' kemm attività tikkontribwixxi għall-oġettivi tat-tliet konvenzjonijiet ta' Rio tan-NU.
Indikatur tar-riżultati	Varjabbli li jista' jitkejjel, u li jipprovdi informazzjoni biex jiġu vvalutati l-effetti immedjati ta' proġetti li jibbenefikaw minn appoġġ fuq il-popolazzjoni fil-mira.
Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI)	Programm tal-UE li jappoġġa liż-żgħażaġh li jkunu barra mill-edukazzjoni, impjieġ jew taħriġ f'reġjuni b'rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh ta' aktar minn 25 %.

Terminu	Spjegazzjoni
Inizjattiva għall-SMEs	Strument finanzjarju konġunt tal-Kummissjoni u l-Fond Ewropew tal-Investment, li għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju għall-finanzjament.
Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII)	Pakkett ta' miżuri li jippermettu użu flessibbli tal-fondi strutturali u ta' investment Ewropej b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19.
Inkarigu ta' aċċertament	Tip ta' awditu li jwassal għal opinjoni dwar is-suġġett tal-awditjar, bħall-affidabbiltà ta' sett ta' rapporti finanzjarji jew ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet.
Input	Mezzi finanzjarji, umani, materjali, amministrattivi jew regolatorji li jintużaw għall-implimentazzjoni ta' proġett jew ta' programm.
Integrazzjoni	Jittieħed kont sistematiku ta' prioritajiet speċifiċi (eż. ugwaljanza bejn il-ġeneri, protezzjoni tal-klima) fit-tfassil u fl-implimentazzjoni kollha tal-politiki.
Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika	L-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet relatati mal-klima fil-politiki, fl-istrumenti, fil-programmi u fil-fondi kollha.
Intensità massima tal-għajnuna	L-ammont totali ta' appoġġ li jista' jitħallas għal qasam ta' finanzjament, imfisser bħala perċentwal tal-kostijiet eliġibbli. Ivarja skont il-programm u jiddependi minn fatturi bħall-pożizzjoni ġeografika.
Intermedjarju finanzjarju	Entità li tikkollega l-maniġer ta' fond ta' strument finanzjarju mar-riċevituri finali.
Interoperabbiltà	Il-ħila ta' sistema li tikkomunika u taħdem ma' sistemi oħra, inkluż permezz tal-iskambju ta' <i>data</i> .
Intervall ta' fiduċja	Kejl statistiku tal-preċiżjoni tar-riżultati tal-kampjunar, li jintuża meta tkun qed issir stima ta' rata ta' żball.

Terminu	Spjegazzjoni
Intervent għall-iżvilupp rurali	Miżura ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali b'sett ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà speċifikati minn Stat Membru fil-pjan strateġiku tal-PAK tiegħu
Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)	Definizzjoni skont id-daqs, li tiġi applikata għal kumpaniji u għal organizzazzjonijiet oħra, fuq il-bażi tal-għadd ta' impjegati u ta' ċerti kriterji finanzjarji. L-intrapriżi żgħar ikollhom inqas minn 50 impjegat, u fatturat jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun. L-intrapriżi medji jkollhom inqas minn 250 impjegat, u fatturat mhux oġhla minn EUR 50 miljun jew total tal-karta tal-bilanċ mhux oġhla minn EUR 43 miljun.
Introjtu nazzjonali gross (ING)	Kejl standard tal-ġid ta' pajjiż, ibbażat fuq l-introjtu minn sorsi domestiċi u minn sorsi barra l-pajjiż.
Introjtu tal-fattur agrikolu	Introjtu mill-biedja, diżaggregat fil-partijiet kostitwenti tiegħu (art, xogħol, u kapital).
Inventarju tal-ING (IING)	Lista ta' proċeduri, statistika u elementi oħra li jintużaw għall-kalkolu tal-ING.
InvestEU	Mekkaniżmu biex jimmobilizza l-investment privat fi proġetti li huma ta' importanza strateġika għall-UE. Sar is-suċċessur tal-FEIS fl-2021.
Investiment fl-ekwiżità	Fondi investiti f'kumpanija bi skambju għal interess tas-sjieda u sehem mill-profitti.
Investiment produttiv	Investiment li jiġġenera redditu fuq il-kostijiet, kemm finanzjarjament kif ukoll permezz ta' żieda fil-produttività, fl-impjieg, fil-kompetittività jew fl-innovazzjoni.
Irregolarità	Ksur tar-regoli tal-UE (jew tar-regoli nazzjonali rilevanti) jew tal-obbligi kuntrattwali.

Terminu	Spjegazzjoni
Ittestjar tal-istress	Simulazzjoni biex tiġi vvalutata l-kapaċità ta' istituzzjoni finanzjarja li tiffaħ għal diversi xenarji ta' kriżi.
Kampjunar diskrezzjonali	Għall-kuntrarju tal-kampjunar statistiku, proċedura fejn l-awditur jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu biex jagħżel l-elementi minn popolazzjoni li tkun suġġetta għal ittestjar tal-awditjar, sabiex jintlaħqu l-kriterji predeterminati.
Kampjunar minn unitajiet monetarji (MUS)	Metodu ta' kampjunar statistiku fejn il-probabbiltà li tintgħażel tranżazzjoni partikolari hija proporzjonali għad-daqs tagħha.
Kampjunar statistiku	Teknika bbażata fuq kampjunar statistiku li tintuża fl-ittestjar tal-awditjar biex tipprovdi riżultati rappreżentattivi.
Kampjunar statistiku rappreżentattiv	L-applikazzjoni ta' tekniki statistiċi biex jittieħed kampjun li jkun jirrifletti l-karatteristiċi tal-popolazzjoni li minnha jittieħed.
Kandidat potenzjali	Pajjiż jew territorju li għandu prospett ċar li jissieħeb mal-UE fil-futur iżda għadu ma ngħatax l-istatus ta' pajjiż kandidat.
Kapaċità korrettiva	Kejl li jintuża mill-Kummissjoni meta hija tkun qed tistma l-livell ta' korrezzjonijiet futuri.
Kapaċità tal-akkwist	Il-valur ta' ammont definit ta' flus espress f'termini tal-kwantità ta' oġġetti u servizzi li jista' jixtri.
Kapitolu ta' negozjar	Wieħed mill-oqsma ta' prijetà tal- <i>acquis</i> fil-kuntest tan-negozjati ta' adeżjoni ma' pajjiżi kandidati.
Kodiċi Doganali tal-Unjoni	Il-parti prinċipali tal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE.
Koeffiċjent Gini	Kejl tal-grad ta' inugwaljanza f'popolazzjoni tal-istatistika, bħal kemm il-ġid ta' pajjiż jew id-distribuzzjoni tal-introjt u tiegħu jiddevjaw minn distribuzzjoni totalment ugwali.

Terminu	Spjegazzjoni
Konsultazzjoni bejn is-servizzi	Proċedura formali li permezz tagħha dipartiment tal-Kummissjoni jfittex il-parir jew l-opinjoni ta' dipartimenti oħra dwar proposta.
Kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti	Approċċ kontabilistiku li jirrikonoxxi l-introjt meta dan jiġi gwadanjat (minflok meta jiġi riċevut) u l-ispejjeż meta jiġġarrbu (minflok meta jitħallsu).
Kontijiet konsolidati	Dokument uniku li jiġbor flimkien il-kontijiet tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE.
Konverġenza	Proċess li permezz tiegħu l-Istati Membri li jixtiequ jadottaw l-euro jaħdmu biex jilħqu kriterji ekonomiċi u regolatorji speċifiċi.
Korp intermedjarju	Korp pubbliku jew privat li jamministra l-fondi tal-UE taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità manġerjali jew f'isimha.
Korp taċ-ċertifikazzjoni	Fil-każ tal-infiq agrikolu, entità pubblika jew privata deżinjata mill-Istat Membru biex tiċċertifika l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali ta' aġenzija tal-pagamenti akkreditata, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.
Korrezzjoni finanzjarja	Miżura li tipproteġi l-baġit minn nefqa irregolari jew frodulenti billi tirtira jew tirkupra fondi biex jiġu kkompensati l-pagamenti li jkunu saru bi żball favur proġetti jew programmi appoġġati mill-UE.
Korrezzjoni finanzjarja netta	Korrezzjoni finanzjarja li permezz tagħha Stat Membru jeħtieġu jħallas lura n-nefqa irregolari lill-baġit tal-UE. Dan ifisser li l-ammont jitnaqqas b'mod permanenti mill-allokazzjoni tiegħu ta' finanzjament mill-UE.
Kostijiet diretti	Spejjeż imġarrba minn benefiċjarju, li huma marbuta speċifikament ma' proġett jew ma' azzjoni tal-UE.

Terminu	Spjegazzjoni
Kostijiet indiretti	Spejjeż, bħal spejjeż ġenerali jew kostijiet amministrattivi oħra, li jiġġarrbu minn benefiċjarju u li mhumiex marbuta direttament ma' proġett jew azzjoni tal-UE.
Kostijiet unitarji standard	Prezz predefinit għal kwantità speċifikata ta' attivitajiet, inputs, outputs jew riżultati.
Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej	Kumitat tal-Kummissjoni b'mandat li jiddiskuti l-implimentazzjoni tar-regolamenti li jirregolaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)	Korp ta' esperti maħtur mill-Kummissjoni biex jassisti bl-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd.
Kundizzjonalità	Mekkaniżmu li permezz tiegħu l-pagamenti li jsiru favur il-bdiewa jkunu jiddependu fuq li dawn tal-aħħar jissodisfaw rekwiżiti marbuta mal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll il-ġestjoni tal-art.
Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)	Organizzazzjoni intergovernattiva tax-xjenza tal-baħar li taħdem biex tavvanza u tikkondividi l-fehim xjentifiku tal-kundizzjoni u l-użu sostenibbli tal-ibħra u l-oċeani.
Kwittanza	Deċiżjoni annwali li tittieħed mill-Parlament Ewropew u li permezz tagħha l-Kummissjoni tingħata l-approvazzjoni finali għall-mod kif baġit ikun ġie implimentat.
La tagħmilx ħsara sinifikanti	Prinċipju li l-miżuri ta' investiment jenħtieġ li ma jkollhomx impatt ambjentali detrimental kbir.
L-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża (MEAT)	Fl-akkwist pubbliku, offerta li toffri l-aħjar valur għall-flus.

Terminu	Spjegazzjoni
L-ebda kreditur ma jmur agħar	Prinċipju li skontu l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf akbar milli kien iġarrab kieku istituzzjoni finanzjarja li qed tfalli kienet ġiet stralċata taħt proċeduri normali ta' insolvenza minflok taħt proċedura ta' riżoluzzjoni.
LIFE	Strument finanzjarju li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali u klimatika tal-UE permezz tal-kofinanzjament ta' proġetti fl-Istati Membri.
Limitazzjoni fuq l-ambitu	Indikazzjoni f'rapport tal-awditjar ta' kwalunkwe qasam eskluż mill-opinjoni tal-awditjar minħabba li l-awditur ma setax jasal għal konklużjoni.
Livell ta' żball stmat	Stima statistika tal-livell ta' żball li jolqot popolazzjoni, ibbażata fuq l-ittestjar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet.
Loġika ta' intervent	Rabtiet bejn l-oġettivi ta' proposta, l-inputs u l-attivitajiet ippjanati, u r-riżultati u l-impatt intenzjonati.
L-UE għas-Saħħa	Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għas-saħħa għall-perjodu 2021–2027.
Mandat ta' self estern tal-BEI	L-awtorità mogħtija lill-BEI biex jidħol f'operazzjonijiet ta' finanzjament f'pajjiżi sħab, b'garanzija mill-baġit tal-UE.
Marġni ta' manuvra	Differenza bejn ir-riżorsi proprji meħtieġa għall-finanzjament tal-baġit tal-UE u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji, li huwa ammont ogħla sa liema l-Kummissjoni hija intitolata titlob fondi mill-Istati Membri biex jiġu ssodisfati obbligi addizzjonali, bħal dawk li jirriżultaw mid-dejn tal-UE.

Terminu	Spjegazzjoni
Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM)	Strument tal-UE li jippromwovi l-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima u li jappoġġa l-komunitajiet u r-reġjuni l-aktar affettwati finanzjarjament mit-tranżizzjoni.
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)	Sistema biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem.
Metadata	<i>Data</i> li tiddefinixxi u tiddeskrivi <i>data</i> oħra.
Mira	Kejl kwantitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma speċifika jew investiment speċifiku fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
Miżura tas-suq	Intervent pubbliku fis-swieq agrikoli għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tnaqqis fil-prezzijiet u d-diffikultajiet strutturali permezz ta' appoġġ speċifiku għas-settur (eż. frott u ħxejjex, inbid, ħalib għall-iskejjel).
Mobbiltà tal-apprendiment	Studju jew taħriġ f'pajjiż ieħor.
NEET	Persuna li hija barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ.
Network Trans-Ewropew (TEN)	Network ta' infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija jew tat-telekomunikazzjoni transfruntiera stabbilit biex jappoġġa u jsaħħaħ il-funzjonament tas-suq uniku tal-UE billi jiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija, u tas-servizzi.
NextGenerationEU (NGEU)	Pakkett ta' finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19.
Nuqqas doganali	Id-differenza bejn id-dazju tal-importazzjoni li jkun mistenni għall-ekonomija kollha kemm hi u l-ammont li verament ikun inġabar.

Terminu	Spjegazzjoni
Obbligazzjoni kontinġenti	Obbligazzjoni ta' pagament li tista' tiġġarrab skont xi jkun l-eżitu ta' avveniment fil-futur.
Operatur ekonomiku	Individwu jew entità li jipprovdu prodott jew servizz bi skambju għal pagament.
Ordni ta' rkupru	Dokument li jirrikjedi l-pagament ta' ammont dovut.
Orizzont Ewropa	Il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2021–2027.
Orizzont 2020	Il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014–2020.
Ortoritratt	Ritratt mill-ajru li jikkompensa għall-elevazzjoni, għall-inklinazzjoni u għat-topografija tas-superfiċe biex il-kejl tad-distanza żgur ikun preċiż.
Output	Dak li jiġi prodott jew li jinkiseb minn proġett, bħall-għoti ta' kors ta' taħriġ jew il-konstruzzjoni ta' triq.
Pagament <i>interim</i>	Pagament fl-ambitu ta' proġett jew ta' programm tal-UE, li jsir ladarba l-benefiċjarju jkun laħaq stadju importanti speċifikat fil-kuntratt jew fil-ftehim ta' għotja.
Pagament ta' prefinanzjament	Pagament fi flus kontanti bil-quddiem għall-finanzjament ta' attivitajiet iddefiniti f'perjodu partikolari.
Pajjiż kandidat	Pajjiż li l-applikazzjoni tiegħu għas-sħubija fl-UE ġiet rikonoxxuta formalment mill-Kunsill Ewropew.
Pajjiż tal-koeżjoni	Stat Membru tal-UE li huwa eliġibbli għal appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni.
Pajjiżi innovaturi moderati jew emerġenti (MEICs)	Klassifikazzjoni li tintuża għall-Istati Membri li jkollhom jew 70-100 % (moderati) jew inqas minn 70 % (emerġenti) tal-punteġġ medju tal-UE fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea.

Terminu	Spjegazzjoni
Pajjiżi tal-programm (Erasmus+)	L-Istati Membri tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq u t-Turkija.
Pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej (PTEE)	Pajjiżi u territorji li mhumiex parti mill-UE iżda li huma marbuta kostituzzjonalment ma' Stat Membru.
Pakkett ta' aċċertament	Sett ta' dokumenti li Stat Membru jippreżenta lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Fondi SIE, li jinkludi l-kontijiet annwali, is-sommarju, ir-rapport ta' kontroll, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni u l-opinjoni tal-awditjar.
<i>Pari passu</i>	Il-prinċipju li, fi proċess ta' insolvenza, l-assi li jifdal għad-distribuzzjoni bejn il-kredituri mhux assigurati jitqassmu appororzjon tad-djun dovuti lil kull kreditur.
Perjodu ta' programmazzjoni	Perjodu li fih jiġi ppjanat u implimentat programm ta' nfiq tal-UE.
Pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (NRRP)	Dokument li jistipula r-riformi u l-investimenti intenzjonati tal-Istat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
Pjan strateġiku tal-PAK	Dokument imfassal minn Stat Membru tal-UE skont il-politika agrikola komuni ta' wara l-2020, li jistabbilixxi kif huwa biĥsiebu jilħaq l-għanijiet tiegħu fi ħdan l-oġettivi ġenerali tal-politika.
Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE	Sett ċentralizzat ta' sistemi tal-IT doganali li se jissostitwixxu l-arranġamenti li jeżistu bħalissa fl-Istati Membri.
Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)	Strument tal-UE biex jingħata appoġġ lill-industrija u tingħata spinta lill-investiment f'teknoloġiji kritiċi.

Terminu	Spjegazzjoni
Politika agrikola komuni (PAK)	Il-politika unika u unifikata tal-UE dwar l-agrikoltura, li tinkludi sussidji u firxa ta' miżuri oħra maħsuba biex jiggarantixxu s-sigurtà alimentari, jaraw li żgur ikun hemm standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa tal-UE, jippromwovu l-iżvilupp rurali u jipproteġu l-ambjent.
Politika komuni tas-sajd	Il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-ħut u tas-sajd, maħsub biex jara li żgur ikun hemm stokkijiet sostenibbli tal-ħut u introjtu stabbli għall-komunità tas-sajjieda.
Politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK)	Il-parti tal-politika estera tal-UE li tiffoka fuq il-kapaċità tas-sigurtà u tad-difiża.
Pressjoni tas-sajd	Impatt tas-sajd fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut.
Prestazzjoni	Kejl ta' kemm azzjoni, proġett jew programm iffinanzjati mill-UE jkunu laħqu l-oġettivi tagħhom u ta' kemm jipprovdu valur għall-flus.
Proċedura kontradittorja	Proċedura li fiha l-Kummissjoni tiddiskuti r-risultati tal-kontrolli tagħha mal-korp jew mad-dipartiment li jkunu sarulu l-verifiki biex tara li dawn żgur ikunu ġustifikati.
Proċedura ta' akkwist innegożjata	Proċedura ta' akkwist pubbliku, li tinvolvi għadd ristrett ta' offerenti, li fiha x-xerrej jista' jinnegożja t-termini tal-kuntratt.
Proċedura ta' akkwist ristretta	Proċedura ta' akkwist pubbliku li fiha jistgħu jipparteċipaw biss offerenti magħżula.
Proċedura ta' ksur	Proċedura fejn il-Kummissjoni tiegħu azzjoni kontra kwalunkwe Stat Membru tal-UE li jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-UE.

Terminu	Spjegazzjoni
Proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP)	Valutazzjoni tar-riskju annwali ta' banek kbar taħt superviżjoni diretta tal-BĊE, li tiffoka fuq: il-mudell tan-negozju, il-governanza interna, ir-riskji għall-kapital, ir-riskji għal-likwidità.
Profil ta' żborż	L-ammont u t-twaqqit tal-pagamenti.
Proġett kbir	Proġett iffinanzjat mill-UE b'kost eliġibbli totali ta' aktar minn EUR 50 miljun f'settur bħat-trasport, l-ambjent u l-enerġija.
Programm	Mezz li bih jitwettqu l-oġettivi speċifiċi ta' politika tal-UE, ġeneralment permezz ta' proġetti kofinanzjati.
Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP)	Inizjattiva tal-UE biex tappoġġa l-kompetittività u l-innovazzjoni fl-industrija tad-difiża.
Programm operazzjonali (PO)	Qafas għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati mill-UE f'konformità mal-prijoritajiet u mal-oġettivi stabbiliti fi ftehim ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat.
Programm tal-iżvilupp rurali (PŻR)	Sett ta' oġettivi u azzjonijiet pluriennali nazzjonali jew reġjonali, approvati mill-Kummissjoni, għall-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.
Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)	Programm tal-UE li appoġġa l-oġettivi tal-impjiegi u tal-protezzjoni soċjali/tal-inklużjoni tal-istrateġija Ewropa 2020.
Programm umbrella	Programm taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, li taħtu jiġu allokat i fondi għal bosta pajjiżi li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet, bħala suppliment għall-allokazzjonijiet finanzjarji bażiċi tagħhom.

Terminu	Spjegazzjoni
Provvediment	Terminu kontabilistiku li jintuża għall-aħjar stima ta' obbligazzjoni futura probabbli, irreġistrata fil-karta tal-bilanċ, u li t-twaqqit jew l-ammont tagħha ma jkunux stabbiliti b'ċertezza.
Punt miftuħ tar-RPT	Riżerva li l-Kummissjoni tesprimi dwar id- <i>data</i> tar-RPT fil-kontijiet tad-dħul ta' Stat Membru.
Qabda totali permissibbli	Il-massimu li jista' jinqabad minn stokk ta' ħut kull sena skont il-politika komuni tas-sajd.
Qafas finanzjarju pluriennali (QFP)	Il-pjan ta' nfiq tal-UE li jistabbilixxi prijoritajiet (abbażi tal-oġettivi ta' politika) u limiti massimi, taħt seba' intestaturi prinċipali, ġeneralment għal seba' snin. Jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, u jillimita l-ammont li jintefaq għal kull kategorija ta' nefqa.
Qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju (CRMF)	Qafas għal kontrolli doganali mill-Istati Membri, ibbażat fuq l-iskambju ta' informazzjoni u analiżi tar-riskju fost l-amministrazzjonijiet doganali.
Qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni (CMEF)	Regoli u proċeduri għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-politika agrikola komuni.
Qasam ta' prijorità	Prijorità tal-UE, tat-tieni livell, għall-iżvilupp rurali.

Terminu	Spjegazzjoni
Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR)	Rapport li l-Kummissjoni tfejji dwar il-ġestjoni tagħha tal-baġit tal-UE u tar-riżultati miksuba, li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali tagħha u tal-aġenziji eżekuttivi tagħha.
Rapport annwali dwar il-prestazzjoni (APR)	Rapport ippreżentat lill-Kummissjoni minn Stat Membru dwar l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku tal-PAK tiegħu.
Rapport annwali ta' implimentazzjoni (AIR)	Rapport ippreżentat lill-Kummissjoni minn Stat Membru, li jippreżenta <i>data</i> finanzjarja, indikaturi, stadji importanti u miri għall-programmi ta' nfiq kollha tal-UE.
Rapport annwali ta' kontroll (RAK)	Dokument imfejji minn awtorità tal-awditjar u ppreżentat lill-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett ta' aċċertament annwali ta' Stat Membru.
Rapport annwali tal-attività (RAA)	Rapport imfejji minn kull direttorat ġenerali tal-Kummissjoni u istituzzjoni u korp tal-UE, li jippreżenta kif kienet il-prestazzjoni tagħhom meta mqabbla mal-oġġettivi, kif ukoll il-mod kif ikunu użaw ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħhom.
Rappurtar finanzjarju u ta' rendikont integrat (IFAR)	Sett ta' rapporti mfejji mill-Kummissjoni dwar il-baġit tal-UE u ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill kull sena għall-proċedura ta' kwittanza. Jinkludi r-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni (AMPR), il-kontijiet konsolidati tal-UE, is-segwitu għall-kwittanza u previżjoni għal żmien twil għall-baġit tal-UE.
Rata effettiva tal-imgħax/Rata annwali ekwivalenti (AER)	Rata tal-imgħax annwalizzata kkalkulata għal finijiet ta' tqabbil fuq self jew fuq prodott finanzjarju fejn l-imgħax ikun dovut f'intervalli li jkunu iqsar minn sena.

Terminu	Spjegazzjoni
Rata għall-ġbir tal-VAT	Perċentwal applikat għall-bażi ta' valutazzjoni tal-VAT ta' kull Stat Membru biex ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT tiġi kkalkulata.
Rata medja ponderata (WAR)	Il-perċentwal li bih jiġu diviżi l-irċevuti totali tal-VAT ta' Stat Membru biex tiġi kkalkulata l-bażi ta' valutazzjoni tal-VAT tiegħu. Jieħu inkunsiderazzjoni r-rati kollha tal-VAT applikabbli fl-Istat Membru, u kull rata tiġi ponderata f'konformità mas-sehem tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet taxxabbli li tapplika għalihom.
Rata ta' proviżjonament	Perċentwal ta' obligazzjoni finanzjarja awtorizzata li jrid jiġi rifless bħala provvediment.
Rata ta' proviżjonament effettiva	Proporzjon ta' obligazzjonijiet potenzjali li jridu jiġu koperti mill-fond ta' proviżjonament komuni.
Rata ta' żball rappreżentattiva	Stima statistika tal-iżball li jolqot popolazzjoni li awditjajna, ibbażata fuq l-ittestjar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet meħud minn dik il-popolazzjoni.
Rata ta' żborż	Perċentwal tal-fondi totali li jiġu żborżati minn strument finanzjarju favur ir-riċevituri finali.
Rata tal-iżball residwu/Rata tar-riskju residwu/Rata tal-iżball residwu totali (RER/RRR/RTER)	Il-proporzjon ta' popolazzjoni li ma jittqiesx regolari wara li jittieħed inkunsiderazzjoni l-effett tal-proċeduri ta' kontroll, l-irkupri u l-korrezzjonijiet kollha.
REACT-EU	Programm tan-NextGenerationEU li jipprovdi finanzjament addizzjonali għall-programmi eżistenti taħt il-politika ta' koeżjoni biex jappoġġa l-irkupru mill-kriżi filwaqt li jippromwovi trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

Terminu	Spjegazzjoni
Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)	Proġett ta' riċerka internazzjonali mmexxi bħala sħubija bejn l-UE u diversi pajjiżi mhux tal-UE biex tintwera l-fattibbiltà xjentifika u teknoloġika ta' reattur tal-enerġija mill-fużjoni fuq skala sħiħa.
Reġim ġenerali ta' kundizzjonalità	Sistema li taħtha Stat Membru jeħtieġu jaderixxi mal-istat tad-dritt sabiex jirċievi finanzjament mill-UE.
Reġistru tal-eċċezzjonijiet	Dokument li jirreġistra devjazzjonijiet minn kontrolli u proċeduri stabbiliti, inklużi r-raġunijiet u l-impatt.
Regolament delegat	Att legalment vinkolanti użat mill-Kummissjoni biex jissupplimenta jew jemenda partijiet mhux essenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE, pereżempju billi jagħti dettalji tal-miżuri ta' implimentazzjoni.
Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)	Regolament li jistabbilixxi r-regoli li japplikaw għall-ħames Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha kemm huma.
Regolament Finanzjarju	Sett prinċipali ta' regoli li jirregolaw il-mod kif il-baġit tal-UE jiġi stabbilit u jintuża, kif ukoll il-proċessi assoċjati bħall-kontroll intern, ir-rappurtar, l-awditjar u l-kwittanza.
Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER)	Regolament tal-UE li jippermetti ċerti tipi ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat mingħajr il-ħtieġa li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata.
Regolament Omnibus	Reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, imwettqa fl-2018, li temenda u tissimplifika r-regoli finanzjarji tal-UE u l-ġestjoni baġitarja tagħha.
Regolamentazzjoni aħjar	Kunċett li jiggwida t-tfassil tal-politika u tal-liġijiet tal-UE, abbażi tal-prinċipji li jenħtieġ li r-regolamentazzjoni tilħaq l-oġettivi tagħha b'kost minimu u tkun imfassla b'mod trasparenti u bbażat fuq l-evidenza bl-involviment ta' ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati.

Terminu	Spjegazzjoni
Regolarità/Legalità u regolarità	Kemm tranżazzjoni jew attività tkun tikkonforma mar-regoli u mar-regolamenti applikabbli u ma' kwalunkwe obbligu kuntrattwali.
Rendikont tal-entrati	Rekord tal-moviment ta' <i>data</i> fi ħdan sistema kontabilistika jew amministrattiva, li jippermetti li jiġu ttraċċati tranżazzjonijiet individwali.
REPowerEU	Inizjattiva tal-UE biex tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.
Riċevitur finali/riċevitur	Persuna, jew entità legali, li essenzjalment tibbenefika minn attività ffinanzjata mill-UE li tkun inbdiet jew twettqet minn beneficijarju ta' għajnuna mill-UE.
Riport	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet baġitarji mhux użati, minn sena finanzjarja waħda għas-sena li jmiss, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.
Risistemazzjoni	It-trasferiment ta' refuġjati minn pajjiż fejn huma jkunu applikaw għall-ażil, lejn pajjiż ieħor li jkun qabel li jdaħħalhom u fl-aħħar mill-aħħar jagħtihom residenza permanenti.
Riskju residwu kumulattiv	Nefqa li tibqa' irregolari fi tmiem perjodu ta' programmazzjoni, ladarba jkunu ttieħdu l-miżuri korrettivi kollha.
Riskju tad-detezzjoni	Riskju li l-ittestjar tal-awditjar jonqos milli jaqbad żball jew dgħufija.
Riżerva	Dgħufija ssenjalata minn direttur ġenerali fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li huma jipprovdu f'rapport annwali tal-attività.
Riżerva għall-Ukrajna	Strument speċjali tal-UE li jipprovdi appoġġ mhux ripagabbli u garanziji baġitarji li jistgħu jintużaw biex jiffinanzjaw il-Faċilità għall-Ukrajna.

Terminu	Spjegazzjoni
Riżerva mhux mobilizzabbli	Riżorsi diżimpenjati mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp li jistgħu jerġgħu jintużaw biss, bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill, għal skopijiet speċifiċi, u jekk dan ma jsirx dawn jintraddu lura lill-Istati Membri.
Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	Fond biex lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-industriji li ntlaw l-aktar mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, jgħinhom jindirizzaw il-konsegwenzi avversi tiegħu.
Riżerva ta' prestazzjoni	Parti mill-baġit allokat għall-infiq taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej li tinżamm sakemm jintlaħqu ċerti miri.
Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea	Strument speċjali tal-UE li jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi ta' adeżjoni fir-rispons għal diżastri naturali kbar u emerġenzi tas-saħħa pubblika.
Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjuna ta' Emerġenza (SEAR)	Strument speċjali tal-UE għar-rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri naturali maġġuri, kriżijiet tas-saħħa pubblika u kunflitti armati.
Riżerva tal-ING	Notifika ta' bidla meħtieġa f'aspett tal-metodoloġija li Stat Membru japplika biex jikkompila ċ-ċifri tal-ING tiegħu.
Riżerva tal-VAT	Riżerva fuq il-kalkolu mwettaq minn Stat Membru tar-riżorsa proprja tiegħu bbażata fuq il-VAT.
Riżerva trażversali	Tip ta' riżerva tal-ING li tikkonċerna problema trażversali u li tirrikjedi analiżi kumparattiva tas-soluzzjonijiet li jkunu ġew adottati mill-Istati Membri.
Riżorsa proprja bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud/ibbażata fuq il-VAT	Riżorsa proprja tal-UE li tikkonsisti f'sehem definit (rata għall-ġbir) tal-VAT miġbura minn kull Stat Membru.

Terminu	Spjegazzjoni
Riżorsa proprja bbażata fuq l-ING	Riżorsa proprja tal-UE mħallsa direttament mill-Istati Membri abbażi tal-għid relattiv tagħhom kif imkejje mill-introjt nazzjonali gross. Tvarja skont l-ammont meħtieġ biex tiġi bbilanċjata n-naħa tad-dħul tal-baġit.
Riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik	Riżorsa proprja tal-UE kkalkulata bl-applikazzjoni ta' valur unitarju għal kull tunnellata ta' skart mhux irriċiklat mill-imballaġġ tal-plastik iġġenerat minn kull Stat Membru.
Riżorsa proprja ta' bbilanċjar	Sors addizzjonali ta' dħul għall-ibbilanċjar tad-dħul u tan-nefqa tal-baġit tal-UE.
Riżorsi proprji	Fondi użati għall-finanzjament tal-baġit tal-UE.
Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)	Id-dħul tal-UE li jinġabar mid-dazji doganali u mill-imposti fuq iz-zokkor.
Riżultat	L-effett immedjat ta' proġett jew programm malli dan jitlesta, bħat-titjib fl-impjegabbiltà tal-parteċipanti f'kors jew it-titjib fl-aċċessibbiltà wara l-kostruzzjoni ta' triq ġdida.
Riżultat ekonomiku	Ir-riżultat għas-sena, kif ippreżentat fil-kontijiet konsolidati tal-UE, fejn tiġi rrappreżentata d-differenza bejn id-dħul u n-nefqa.
Sajd sostenibbli	Prattiki tas-sajd li ma jnaqqasx l-istokkijiet tal-ħut, u li jimminimizzaw l-impatt ambjentali.
Saldu	Pagament tal-bilanċ dovut lil Stat Membru, jew l-irkupru ta' fondi mingħandu, sabiex jingħalaq programm tal-UE.
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)	Is-servizz diplomatiku tal-UE, responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

Terminu	Spjegazzjoni
Servizz Komuni tal-Awditjar (CAS)	Id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli mill-awditjar <i>ex post</i> tal-proġetti ffinanzjati taħt il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni.
Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS)	Sistema abbażi ta' satellita li ssaħħaħ is-sinjali tas-sistemi ta' navigazzjoni u ta' pożizzjonament bis-satellita fuq l-Ewropa u tagħmilhom adatti għall-applikazzjonijiet kritiċi tas-sikurezza bħall-avjazzjoni.
Sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali	Il-qafas kontabilistiku tal-UE għal deskrizzjoni sistematika u dettaljata ta' ekonomija.
Sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS)	Mekkaniżmu tas-suq li jippermetti lill-organizzazzjonijiet li jemettu gassijiet serra jixtru u jbigħu kwoti tal-emissjonijiet.
Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAC)	Mekkaniżmu tal-UE li l-Istati Membri jużaw biex jimmaniġġjaw u jivverifikaw pagamenti li jsiru favur il-bdiewa taħt il-politika agrikola komuni.
Sistema ta' applikazzjoni ġeospazjali (GSA)	Sistema li permezz tagħha l-benefiċjarji jistgħu jindikaw viżwalment l-erjas li għalihom qed japplikaw għall-għajnuna. Integrata mas-sistema ta' applikazzjoni għall-għajnuna bbażata fuq l-annimali, meta jkun xieraq.
Sistema ta' ġestjoni u kontroll	Struttura li fiha jsiru attivitajiet ta' kontroll għall-programmi ta' nfiq tal-UE.
Sistema ta' identifikazzjoni għall-irqajja' agrikoli (ISAP)	Bażi ta' <i>data</i> tal-art agrikola li l-Istati Membri jistabbilixxu u jaġġornaw b'mod regolari abbażi ta' ortoimmaġni mill-ajru jew mill-ispazju, li tintuża għall-ħlas ta' għajnuna diretta taħt il-politika agrikola komuni u għall-verifiki ta' eliġibbiltà fuq it-talbiet li jsiru mill-bdiewa.
Sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art (LPIS)	Ara "Sistema ta' identifikazzjoni għall-irqajja' agrikoli (ISAP)".

Terminu	Spjegazzjoni
Sistema ta' monitoraġġ tal-erja (AMS)	Teknoloġija għall-osservazzjoni, it-traċċar u l-valutazzjoni sistematiki tal-attivitajiet agrikoli bl-użu tad- <i>data</i> tas-satelliti.
Skartar	Ħut mhux mixtieq mormi fil-baħar.
Skema ta' pagament bażiku (BPS)	Skema agrikola preċedenti tal-UE li fil-qafas tagħha kienu jsiru pagamenti lill-bdiewa abbażi tal-erja ta' art eliġibbli. Sostitwita mill-appoġġ bażiku għall-introjt għas-sostenibbiltà.
Skema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE)	Skema ta' pagamenti agrikoli relatati mal-erja li tiġi applikata f'ċerti Stati Membri fuq bażi tranżizzjonali. Sostitwita mill-appoġġ bażiku għall-introjt għas-sostenibbiltà.
Soll ta' materjalità	Livell li meta jinqabeż, l-iżbalji li jiġu identifikati f'popolazzjoni awditjata jew f'sett ta' rapporti finanzjarji jitqiesu bħala li jaffettwaw l-akkuratezza u l-affidabbiltà.
Somma f'daqqa	Tip ta' għażla ta' kostijiet simplifikati fejn il-pagamenti jsiru b'mod sħiħ aktar milli f'pagamenti parzjali, pereżempju biex jiġu rrimborżati l-kostijiet eliġibbli jekk l-attivitajiet u/jew l-outputs predefiniti jkunu tlestew.
Stadju importanti	Kejl kwalitattiv tal-progress ta' Stat Membru lejn it-tlestija ta' riforma jew investiment fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.
Stadju importanti ħafna	Fil-każ tal-Ungerija jew tal-Polonja, rekwiżiti addizzjonali relatati ma', pereżempju, il-korruzzjoni, l-akkwist pubbliku jew l-indipendenza ġudizzjarja u t-teħid ta' deċiżjonijiet, li jridu jiġu ssodisfati qabel ma l-pajjiż ikun jista' jirċievi kwalunkwe finanzjament mill-RRF.
Stadju importanti ta' kontroll	Rekwiżit speċifiku, marbut mas-sistemi ta' awditjar u kontroll ta' Stat Membru, li jrid jiġi ssodisfat qabel ma l-pajjiż ikun jista' jirċievi finanzjament taħt l-RRF.

Terminu	Spjegazzjoni
Standards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (GAECs)	Sett ta' rekwiżiti (iddefiniti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew f'dak reġjonali) dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-bijodiversità, li l-bdiewa jeħtiġilhom jissodisfaw sabiex jirċievu ċerti pagamenti taħt il-politika agrikola komuni
Standards Internazzjonali tal-Awditjar (ISA(s))	Standards tal-awditjar finanzjarju maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti.
Status ambjentali tajjeb	Standard għoli tas-saħħa, il-bijodiversità, il-produttività u s-sostenibbiltà għal żmien twil fl-ibħra u l-oċeani.
Stima ta' programm	Dokument, imfassal minn pajjiż sieħeb u approvat mill-Kummissjoni Ewropea, li jistabbilixxi liema xogħol ta' kooperazzjoni jew ta' żvilupp għandu jiġi implimentat, u liema riżorsi finanzjarji, umani u materjali huma meħtieġa.
Strateġija Ewropa 2020	L-istrateġija fuq 10 snin tal-UE, li tnediet fl-2010, biex tagħti spinta lit-tkabbir u toħloq l-impjiegi.
Strateġija ta' finanzjament diversifikata	Metodu ta' finanzjament tal-UE li jgħaqqad firxa ta' strumenti u tekniki ta' finanzjament ma' komunikazzjoni ċara mas-swieq finanzjarji u relazzjonijiet strutturati mal-banek.
Stratifikazzjoni	Metodu ta' kampjunar li jinkludi t-tqassim ta' popolazzjoni f'sottogruppi iżgħar (strati) b'karatteristiċi kondiviżi.
Strument finanzjarju/strument ta' inġinerija finanzjarja	Appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE fil-forma ta' investimenti ta' ekwità jew kważi ekwità, self jew garanziji, jew strumenti oħra għall-kondiviżjoni tar-riskji.
Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI)	Parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri li tappoġġa l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE billi tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u tipprevieni riskji migratorji u riskji għas-sigurtà.

Terminu	Spjegazzjoni
Strument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI)	Strument finanzjarju mmaniġġjat direttament mill-Kummissjoni u jintuża biex jiġi pprovdut appoġġ fi ħdan l-UE f'każ ta' kriżi severa jew diżastru.
Strument għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali	Parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri li tappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir użat għall-verifiki doganali.
Strument speċjali	Għodda li tippermetti li l-UE timmobilizza fondi addizzjonali b'rispons għal avvenimenti mhux previsti bħal kriżijiet u emerġenzi.
Strument ta' flessibilità	Sors ta' finanzjament għal azzjonijiet li inkella ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr ma jinqabżu l-limiti massimi tan-nefqa baġitarja.
Strument ta' Marġni Uniku	Strument speċjali tal-UE li jippermetti li fil-baġit jiġu inklużi approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti jew, meta ma jkunx hemm triq oħra, mis-sena kurrenti jew minn snin futuri.
Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali)	Programm tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021–2027 li jikkombina diversi strumenti ta' azzjoni esterna fi strument wieħed.
Strument EURI	Strument speċjali tal-UE li jista' jintuża biex jiffinanzja kostijiet tat-teħid b'self mhux ibbaġitjati għall-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (magħruf aktar bħala NextGenerationEU).
Tabella tal-persunal	L-għadd massimu ta' pożizzjonijiet ta' impjieg disponibbli, skont il-kategorija ta' impjieg u l-grad tas-salarju, fi ħdan istituzzjoni jew korp tal-UE.
Tagħmir protettiv personali (PPE)	Oġġetti, bħal maskri tal-wieċċ, ingwanti u protezzjoni għall-għajnejn, li huma maħsuba biex jipproteġu lil min jilbishom minn riskji għas-saħħa jew għas-sigurtà.

Terminu	Spjegazzjoni
Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)	Taxxa indiretta fuq il-konsum li tiġi imposta fuq il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' oġġetti u l-forniment ta' servizzi, u li eventwalment tintrefa' mill-konsumatur finali.
Tranżazzjoni	Operazzjoni, bħal pagament li jsir jew dħul li jiġi riċevut, li tiġi rreġistrata fil-kontijiet tal-UE.
Uffiċjal tal-awtorizzazzjoni	Persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ta' korp tal-UE.
Valutazzjoni tal-impatt	Analiżi tal-effetti probabbli (<i>ex ante</i>) jew reali (<i>ex post</i>) ta' inizjattiva ta' politika jew ta' tip ieħor ta' azzjoni.
Valutazzjoni tal-pilastri	Valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tar-regoli u l-proċeduri applikati taħt ġestjoni indiretta biex tara li l-interessi finanzjarji tal-UE żgur jiġu protetti fl-istess livell bħal taħt ġestjoni diretta.
VAT rekuperabbli	Il-VAT li persuna taxxabbli tista' tnaqqas mill-VAT pagabbli lill-awtoritajiet tat-taxxa, minħabba li jkunu diġà ħallsu dan l-ammont fuq ix-xiri proprju tagħhom ta' oġġetti u servizzi.
Verifikazzjoni diretta	Verifika mwettqa fuq ċerti aspetti tal-kompilazzjoni tal-introjtu nazzjonali gross ta' Stat Membru fil-kuntest ta' żjara ta' informazzjoni.
Verifiki doganali ta' wara r-rilaxx/kontrolli ta' wara r-rilaxx	Verifiki doganali li jiġu applikati wara li l-merkanzija tkun ġiet rilaxxata mill-awtoritajiet doganali.
Verifiki permezz tal-monitoraġġ	L-użu ta' <i>data</i> satellitari biex jiġu pprovduti osservazzjonijiet regolari ta' attività agrikola u jiġi identifikat in-nuqqas ta' konformità potenzjali min-naħa tal-bdiewa mar-regoli tal-iskema ta' pagament dirett.

Terminu	Spjegazzjoni
Żball	Ir-riżultat ta' kalkolu skorrett jew ta' irregolarità li jirriżultaw minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali u kuntrattwali.
Żball kwantifikabbli	Klassifikazzjoni użata mill-QEA, fir-rappurtar tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet, meta l-ammont ta' tranżazzjoni milquta minn żball ikun jista' jitkejjel.
Żjara ta' informazzjoni	Żjara li l-Kummissjoni twettaq biex tivvaluta l-kumpilazzjoni tal-introjt nazzjonali gross ta' Stat Membru u l-kwalità tad- <i>data</i> sottostanti, xi drabi tkun akkumpanjata minn esperti minn Stati Membri oħra.
Żona marina protetta	Żona tal-baħar deżinjata, bil-liġi jew b'xi mod ieħor, għall-protezzjoni u ż-żamma tal-bijodiversità, ir-riżorsi naturali u s-siti ta' wirt kulturali.
Żvilupp sostenibbli	Approċċ għall-iżvilupp li jieħu kont ta' imperattivi li jkunu għal żmien twil, bħad-durabbiltà tar-riżultati, il-preservazzjoni tal-ambjent u tar-riżorsi naturali, kif ukoll l-ekwità soċjali u ekonomika.